MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PHILIP MANDUCA

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2005

Talba Numru. 2105/2004

**Rimus Trading Agency Limited (C 20020)**

**Vs**

**Ta’ Xbiex Lapins Limited (C3122)**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta’ konvenuta ghall-hlas ta’ Lm883.32c (tmien mija u tlieta u tmenin lira Maltin u tnejn u tletin centezmu) rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ prodotti ta’ l-ikel mibjugha u kkonsenjati lis-socjeta’ konvenuta.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Qbidipprezentat kontestwalment ma’ l-Avviz tat-talba, kontra s-socjeta’ konvenuta li d-diretturi taghha gew ingunti ghas-subizzjoni.

Bl-imghax kummercjali mill-10 ta' Gunju 2003, li hija d-data ta' l-ahhar konsenja.

Ra li s-socjeta' konvenuta baqghet ma pprezentatx Risposta ghalkemm debitament notifikata;

Ra n-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art. 698(2) u 702 tal-Kap. 12);

Billi, ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fid-9 ta' Dicembru, 2004 meta gew ipprezentati l-Kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistqosijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u bl-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------